**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Appell numru: 278/00 NA (G)**
**Il-Gimgha, 8 ta' Gunju 2001**

**Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech)**

**vs**

**Redeemer Galea**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju 2000 l-appellant gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Frar, 2000 ghall-habta tal-00.30 a.m. waqt li kien fi Triq ir-Repubblika, Victoria:

1. saq vettura KBB-343 b'manjiera perikoluza;
2. b'imprudenza, negligenza u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura BAG-143 u kkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Anthony Fenech;
3. barra minn hekk ikkaguna griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Joeline Camilleri li kienet passiggiera go vettura BAG-143 skond kif irrizulta minn ezamijiet li ghamlet fl-isptar generali ta' Ghawdex;

B'sentenza tad-29 ta' Novembru 2000, l-Ewwel Qorti wara li rat l-imputazzjoni, semghet il-provi w ir-rinunzja tal-kwerelanta u stante r-rinunzja tal-kwerelanta ddikjarat l-procediment ezawrit kwantu ghat-tieni w it-tielet akkuzi u dwar l-ewwel akkuza u cioe' dwar dik li tikkoncerna s-sewqan b'manjiera perikoluza, il-Qorti ghamlet riferenza provvizorjament ghall-iskizz esebit kif ukoll ghax-xhieda prodotti w id-deposizzjonijiet taghhom.

Minn dan irrizulta illi l-imputat kien gej minn triq sekondarja fil-konfront tat-triq li minnha kienet ghaddejja Joeline Camilleri. L-imputat jew naqas milli jieqaf fl-inkrocju jew naqqas il-velocita' tieghu b'mod illi baqa' hiereg fi triq principali w ikkawza l-incident meritu ta' l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-appellant hati, rat l-Artikolu (1) tal-Kap. 65 u kkundannatu ghall-hlas ta' sebghin lira Maltija (Lm70).

Fit-12 ta' Dicembru 2000 l-appellant ipprezenta r-rikors ta' l-appell tieghu fejn wara il ghamel riferenza ghall-akkuza migjuba kontrih, u s-sentenza tad-29 ta' Novembru 2000 ippremetta li dakinhar stess hassu aggravat mis-sentenza wara li ta l-garanziji mehtiega skond il-ligi, ta avviz li kien behsiebu jappella minn din is-sentenza kif fil-fatt ghamel bir-rikors ta' l-appell tieghu.

L-appellant espona illi l-fatti tal-kaz huma dawn:

Illi l-appellant dak inhar tal-kaz kien tiela minn Triq il-Kapuccini wara li waqaf fil-kantuniera qabel ma jaqsam Triq ir-Repubblika biex jibqa' ghaddej ghat-triq li taghti ghal pjazza San Frangisk waqaf u x'hin ra li ma kienux gejjin karozzi minn naha tal-lemin u tax-xellug tieghu beda jaqsam u x'hin wasal aktar minn nofs il-wiesgha taghha s-sewwieq tal-vettura BAG-143 nizel bi speed qawwi li tifel il-kontroll, baqa' niezel fuq il-karreggjata l-hazina (wrong side) u spicca jolqot il-vettura ta' l-appellant, jitla' parti mill-bankina tan-naha tal-Ghassa u jispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq faccata tal-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex.

Dan jirrizulta mix-xhieda dettaljata ta' l-istess appellant kif ukoll mill-istess sketch u r-ritratti esebiti fil-process ta' dan il-kaz li jindika bl-aktar mod car li n-nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku u sewqan b'manjiera perikoluza fuq in-naha u mix-xufier tal-vettura BAG-143.

Illi ghalhekk hassu aggravat ghal dawn is-segwenti aggravji:

1. li l-fatti kif irrizultaw m'humiex u ma jippruvawx l-imputazzjoni billi l-appellant instab hati;
2. li l-fatt li l-appellant kien gej minn triq sekondarja la darba ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u sahansitra kien diga' qasam aktar minn nofs it-triq tat-triq principali ma tikkostitwix sewqan b'manjiera perikoluza;
3. Salv aggravji ohra.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

Quddiem din il-Qorti Miriam Fenech xehdet illi dak in-nhar ta' l-incident hija bil-vettura BAG-143 kienet "*niezla minn Republic Street, x'hin wasalt fil-cross road nara lil Redeemer hiereg, …… gbidt ftit 'il barra biex nipprova nevitah, intih ftit aktar spazju fejn jista' jieqaf, pero' baqa' hiereg fuqi u tani daqqa fil-bieba tal-passiggier 'il quddiem u spiccajt man-naha l-ohra tat-triq.*" Din il-verzjoni ta' kif gara l-incident giet ikkonfermata wkoll mix-xhud Joline Camilleri li kienet riekba fl-istess vettura.

Minn naha l-ohra l-appellant xehed illi l-incident gara hekk: "*Jiena kont gej minn ghand il-habib tieghi minn naha ta' Marsalforn u waqt li kont tiela, ….., harist 'il fuq u harist 'l isfel u hrigt bil-kwiet kollu. … F'hin minnhom nisma' brake gej ghal fuqi, sakemm ittawwalt, jiena kont ghadni naqla' jigifieri minn naha l-ohra tat-triq, ma kont gej insuq xejn. Fis-siegha u l-hin naqla' daqqa gol-karozza tieghi meta l-karozza tieghi minflok qieghdha thares lejn it-triq li taghti ghall-bus terminus spiccat thares kwazi ghall-faccata tal-Pulizija."*

Barra din ix-xhieda gie esebit l-iskizz ta' l-incident u xehdu wkoll il-Pulizija li marru fuq il-post ta' l-incident u sussegwentement ghamlu l-iskizz.

Il-fatti indiskussi f'dan il-kaz huma illi l-appellant bil-vettura KBB-343 dak in-nhar u hin ta' l-incident kien tiela minn Marsalforn minn Triq il-Kapuccini, Victoria meta Miriam Fenech bil-vettura BAG-143 kienet niezla minn Triq ir-Repubblika, fil-Victoria Ghawdex. Li huwa ndiskuss ukoll hu illi Triq ir-Repubblika fil-Victoria Ghawdex hija triq principali mentri Triq il-Kapuccini hija triq sekondarja li taghti ghal Triq ir-Repubblika. Illi allura huwa ovvju fil-fehma tal-Qorti min ikun niezel minn Triq ir-Repubblika (f'dan il-kaz Miriam Fenech) ghandu d-dritta fil-waqt min ikun tiela minn Triq il-Kapuccini u jrid jaqsam ghat-triq ta' faccata billi jaqsam Triq ir-Repubblika, qabel ma effettivament jaqsam, ghandu jara jkunux gejjin karozzi u fil-kaz biss li ma jkunux gejjin karozzi ghandu jipprocedi biex jaqsam. Jekk minn naha l-ohra jkunu nezlin karozzi minn Triq ir-Repubblika, min ikun tiela minn Triq il-Kapuccini ghandu jcedi sakemm din il-vettura tghaddi.

Issa minn dak illi rrizulta mill-provi, u partikolarment minn dak li jirrizulta mill-iskizz esebit hareg car illi l-appellant ma hax dawk il-prekawzjonijiet kollha li messu ha meta gie biex johrog minn Triq il-Kapuccini ghal fuq Triq ir-Repubblika. Mill-iskizz hareg car illi l-hsara fil-vettura ta' l-appellant kienet fuq il-faccata u l-mudguard ta' quddiem tal-lemin. Minn naha l-ohra l-hsara fil-vettura BAG-143 misjuqa minn Miriam Fenech kienet fuq in-naha tax-xellug tal-karozza partikolarment fuq il-bieba ta' quddiem. Mid-dinamika ta' dawn id-daqqiet wiehed allura jista' jikkonkludi illi meta l-appellant bil-vettura KBB-343 sbokka ghal fuq Triq ir-Repubblika, il-vettura BAG-143 kienet diga' vicin hafna tieghu w allura kellu jistenna sabiex l-istess karozza tghaddi u mbaghad johrog.

Jirrizulta wkoll illi bl-impatt il-vettura BAG-143 ittajret mal-bankina u giet ikkagunata hsara wkoll fuq in-naha l-ohra tal-karozza. Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi sabiex il-vettura BAG-143 ittajret ghal din id-distanza bl-impatt mal-vettura KBB-343 misjuqa mill-appellant, bilfors illi l-appellant kien qieghed isuq b'certu velocita'. Ghalhekk mhuwiex plawsibbli illi l-appellant waqaf qabel ma hareg ghal fuq Triq ir-Repubblika biex jara humiex gejjin karozzi, ghax kieku ma kienx ittella l-velocita' li tella' li litteralment tajret lil karozza l-ohra distanza konsiderevoli. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-verzjoni tax-xhieda ta' Miriam Fenech u Joeline Camilleri li l-appellant baqa' hiereg ghal fuq Triq ir-Repubblika, minghajr ma hares qabel hija aktar vicin il-verita'.

Dan is-sewqan certament jammonta ghal sewqan perikoluz, anke jekk b'xi mod kien hemm xi infrazzjoni tal-ligi tat-traffiku da parti tas-sewwieqa l-ohra.

Ghaldaqstant dan l-appell huwa michud u s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru 2000 hija kkonfermata.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur